TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

Francesco Sammut
vs
Portelli & Brincat Ltd.

CCT/209/16 MS

Illum, 27 ta' Marzu 2017

It-Tribunal

Ra l-avvizipprezentat mill-attur fit-2 ta' Novembru 2016 fejn talab ir-rifuzjoni ta' ghoxrin Euro li kien hallas bhala depozitu lis-socjeta konvenuta ghal fornitura ta' *micro Venetian blind* li baqghet ma saritx.

Ra illi s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata bl-avviz baqghet ma wegbitx u l-anqas ma dehret biex tikkontesta l-kawza quddiem it-Tribunal.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Peress illi s-socjeta' konvenuta ma dahlet l-ebda risposta u l-anqas ma dehret biex taghti l-versjoni taghha quddiem dan it-Tribunal, irrid bilfors joqghod fuq ix-xhieda moghtija mill-attur u d-dokumenti minnu esebiti.

L-attur xehed illi huwa ghamel ordni mas-socjeta konvenuta ghal fornitura ta' *micro Venetian blinds* ghall-valur totali ta' €54.00, li minnhom hallas depozitu ta' €20.00 fit-13 ta' Lulju 2016. L-attur ighid illi dawn il-*blinds* kellhom ikunu lesti fi zmien hmistax - il gurnata, izda meta ghadda Lulju u baqa' ma sema' xejn mis-socjeta' konvenuta cempel biex jara s-sitwazzjoni x'kienet, pero ma ha l-ebda sodisfazzjon u meta mar personalment fil-hanut il-Mosta, ma nghatax risposta definittiva u kellu jistenna telefonata minn ghandhom. Din it-telefonata baqghet ma gietx. Sadattant, lahqu l-vaganzi ta' Awwissu u wara hafna tardjar mar l-ufficju taghhom biex jikkancella l-ordni. Xi gimgha wara cempillu xi hadd mis-socjeta' konvenuta biex ighidulu li l-*blinds* kienu lesti. Gharafhom illi hu kien ikkancella l-ordni gimgha qabel u ppretenda l-flus tad-depozitu lura. Meta l-flus ma gewx irrefera l-ewwel lil MCCAA umbaghad adixxa lil dan it-Tribunal.

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal ma jsib l-ebda raguni il-ghala m'ghandux joqghod fuq din ix-xhieda tal-attur. Gab prova dokumentarja illi huwa hallas depozitu ta' €20.00 lis-socjeta' konvenuta ghal fornitura ta' *micro Venetian blinds*. Dawn kellhom ikunu supplitu fi zmien gimghatejn u cjoe' sa l-ahhar ta' Lulju. Wiehed kien jippretendi illi forsi seta' kien hemm xi tarjdar ta' ftit granet jew ta' gimgha, pero' f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta ittardjat ferm aktar sakemm umbaghad dahlet fis-*shut-down* ta' Awwissu biex kompliet ittawwal iz-zmien oltre dak li huwa ragonevoli. Ghalhekk l-attur kien gustifikat illi jikkancella l-ordni u jitlob id-depozitu lura peress illi kienet is-socjeta' konvenuta li naqqset fl-obbligu taghha li tikkonsejna l-oggett mixtri fiz-zmien pattwit. La dan ma sarx, kwindi l-attur hu intitolat li jikkancella l-ordni u jiehu flusu lura.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jilqa't-talba tal-attur u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta li jirrifondilu s-somma ta' €20.00 ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bl-ispejjes kontra lis-socjeta' konvenuta.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru